**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, 16 ta' Gunju 2022**

**IL-PULIZIJA**

**VS**

**PATRICK MUSCAT**

ID numru 346273(M)

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Patrick Muscat**, iben Anthony u Carmela *nee'* Ellul, imwieled Zebbug, Malta, nhar is-17 ta' Awwissu, 1973, residenti gewwa 17A, Triq il-Kbira, Zebbug, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 346273M, senjatament akkuzat talli nhar l-Erbgha, 1 ta' Ottubru, 2014, ghall-habta tal-6:45hrs fl-inhawi tal-Handaq limiti tas-Siggiewi;

1. Waqt stagun maghluq ghall-kacca tal-ghasafar mhux minn fuq il-bahar, ikkaccja jew ipprova jikkaccja xi ghasfur, jew garr munizzjoni jew arma tan-nar barra l-ghata taghha u dan bi ksur tar-Regolament 18 (1) (a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71);
2. Zamm xi ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur, li l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, u cioe', rixa ta' Kuccarda Pernis apivorus (inkluza fl-Iskeda 1), kontra d-dispozizzjonijiet ta dawn ir-Regolamenti meta dak l-ghasfur ma kienx gie ddikjarat u registrat mal-Awtorita' Kompetenti sal-31 ta' Mejju, 2003, u minghajr ma nghata il-permessi, jew certifikati mill-Awtorita' Kompetenti sabiex izomm dak l-

ghasfur u dan bi ksur ta' Regolament 4 (1) (e) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, L.S. 504.71;

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, zamm ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew l-Iskeda III tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, u cioe', rixa ta' Kuccarda Pernis apivorus (inkluza fl-Iskeda I), meta dak l-ghasfur ma kienx ittiehed fi Stat Membru iehor fejn ikun jista' jittiehed jew jinqabad legalment taht id-dispozizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta' dak l-Istat Membru l-iehor u dawk l-ghasafar ma kienux migjuba f'Malta wara l-1 ta' Mejju, 2004, u dan bi ksur ta' Regolament 4 (1) (f) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, L.S. 504.71;
4. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, naqas milli jzomm fil-pussess tieghu u ghal perjodu kollu li kien fil-pussess tal-kampjuni, u cioe', rixa ta' Kuccarda Pernis apivorus (inkluza fl-Iskeda I) il-permessi, certifikati, u dokumenti ohrajn kollha li jippruvaw ghas-sodisfazzjoni tal-awtorita' kompetenti li dawk il-kampjuni ma kienux miksuba kontra d-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u dan bi ksur ta' Regolament 4 (1) (f) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, L.S. 504.71;

U aktar talli fl-istess data ghall-habta tal-10:00am u fis-snin ta' qabel fil-fond 17A, Triq il-Kbira, Zebbug;

5. Zamm xi ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur, li l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, u cioe', Nankini Cursorius cursos u Glalez Homor Crex Crex (inkluzi fl-Iskeda 1), kontra d-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti meta dak l-ghasfur ma kienx gie ddikjarat u registrat mal-Awtorita' Kompetenti sal-31 ta' Mejju, 2003, u minghajr ma nghata l-permessi, jew certifikati mill-Awtorita' Kompetenti sabiex izomm dak l-ghasfur u dan bi ksur ta' Regolament 4 (1) (e) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, L.S. 504.71;
6. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, zamm ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew l-Iskeda III tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, u cioe', Nankini Cursorius cursor u Glalez Homor Crex Crex (inkluzi fl-Iskeda I), meta dawk l-ghasafar ma kienux ittiehdu fi Stat Membru iehor fejn ikun jista' jittiehed jew jinqabad legalment taht id-dispozizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta' dak l-Istat Membru l-iehor u dawk l-ghasafar ma kienux migjuba f'Malta

wara l-1 ta' Mejju, 2004, u dan bi ksur ta' Regolament 4 (1) (f) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, L.S. 504.71;

7. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, naqas milli jzomm fil-pussess tieghu u ghal perjodu kollu li kien fil-pussess tal-kampjuni, u cioe', Nankini Cursorius cursor u Glalez Homor Crex Crex (inkluzi fl-Iskeda I) il-permessi, certifikati, u dokumenti ohrajn kollha li jippruvaw ghas-sodisfazzjoni tal-awtorita' kompetenti li dawk il-kampjuni ma kienux miksuba kontra d-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u dan bi ksur ta' Regolament 4 (1) (f) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, L.S. 504.71;
8. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur jew ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom mhux inkluza fl-Iskeda III li tinsab mar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, u cioe', Nankini Cursorius cursor u Glalez Homor Crex Crex (inkluzi fl-Iskeda I), li ma kienux gew registrati mat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi fiz-zmien stipulat fis-Sub Regolament (6) ta' Regolament 21 tal-A.L. 79 tal-2006 bi ksur tar-Regolament 21 (5) tal-A.L. 79 tal-2006;
9. Ittrasferixxa jew b'xi mod iehor iddispona minn xi ghasfur imsemmi fis-subregolament (1) (e) ta' Regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (uhud inkluzi fl-Iskeda I jew l-Iskeda IX) minghajr ma ghamel talba lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi u minghajr ma kellu awtorizzazzjoni bil-miktub ta' dak it-trasferiment jew disponiment moghti fid-diskrezzjoni taghha, bi ksur ta' Regolament 4 (2) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti kienet mitluba illi barra li timponi l-multa applikabbli taht ir-Regolament 27 (2) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Semghet ix-xhieda;

Rat id-dokumenti ezebieti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi jirrizulta li fl-1 ta' Ottubru 2014, PC798; PS305 u PC804 kien qed jaghmlu ronda fl-inhawi tal-Handaq, limiti tas-Siggiewi bil-miexi. F'hin minnhom gie nnotat persuna li kellu senter f'idu waqt li kien magenb vettura

tal-ghamla Escort bin-numru tar-registrazzjoni EAC-739. Hekk kif kienu bejn 8 u 10 metri 'l boghod minnu huma identifikaw ruhhom bhala pulizija u talbuh jieqaf madanakollu l-istess persuna telaq jigri waqt li beda jiskarga l-arma u jwaddab l-iskratac mal-art. F'dan il-hin il-pulizija ma rnexxilhomx jaqbduh. Gie iccekjat il-van, fejn irrizulta li kien irregistrat f'isem il-qua imputat – Patrick Muscat. Prova ta' dan tramite rapprezentant ta' Transport Malta ma tressqitx mill-Prosekuzzjoni. Gie kkuntatjat l-istess Muscat u mitlub jigi hdejn il-vettura tieghu. Is-Sur Muscat mar hdejn il-vettura, nghata mal-ewwel it-twissija skond il-ligi. L-ufficjali tal-pulizija kollha jikkonfermaw li gharfu lil Muscat bhala l-persuna li kien harab minnhom ftit minuti qabel. Patrick Muscat, kemm fuq il-post kif ukoll fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti, baqgha jsostni li ma kienx huwa l-persuna bis-senter f'idejh li harab mill-pulizija. Minn tfittxija li saret fil-vettura, minn fuq in-naha ta' quddiem tan-naha tal-passigier giet elevata rixa bajda bil-kannella. Din giet mghoddija lil Stanley Gatt ai fini t'analizi. Muscat gie arrestat u mehud gol-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn hemm irrillaxxa stqarrija lill-ispettur Jurgen Vella. Minn hemmhekk saret tfittxija fir-residenza ta' l-istess Muscat li kien jghix mal-genituri tieghu. Stanley Gatt xehed li fl-1 t'Ottubru 2014 kien gie mitlub mill-pulizija sabiex jassistihom waqt l-imsemmija tfittxija u fl-identifikazzjoni ta' kollezzjoni ta' tajr protett ibbalzmat li kienu jinsabu gewwa 17A, Triq il-Kbira, Zebbug. Minn verifiki li kien ghamel ix-xhud irrizulta li f'dik ir-residenza kien hemm kollezzjoni ta' tajr protett b'referenza M001885 (fol. 43 sa fol. 47 tal-atti processwali). Id-dikjarazzjoni relattiva ghal din il-kollezzjoni saret b'mod konguntiv mill-qua imputat u missieru Antonio Muscat. Ix-xhud jghid li kien mar jaghmel spezzjoni fid-dar hawn fuq imsemmija flimkien ma PS305 u PC798 fil-prezenza ta' Antonio Muscat u iktar tard anke fil-prezenza tal-qua imputat. Il-lista tal-ispeci kollha li kienu hemm id-dar qeghda a fol. 36 tal-atti processwali. Meta gew imqabbla id-dikjarazzjoni konguntiva hawn fuq imsemmija b'referenza M001885 flimkien mal-lista ta' ghasafar li sabu fuq il-post waqt l-ispezzjoni setghu jigu nnotati zewg diskrepanzi:

(i) Kien hemm erba' tajriet li kienu fuq il-post izda ma kienux inkluzi fid-dikjarazzjoni originali – 2 Corn Crakes; Gallozz ahmar u 2 cream coloured Corser[1]; u
(ii) Kien hemm numru kunsiderevoli ta' tajr li ghalkemm kien imnizzel fid-dikjarazzjoni ma kienx prezenti fuq il-post[2], ghal-liema tajr lanqas ma kien hemm hemm applikazzjoni ghal disposal.

Il-pulizija elevaw ukoll is-snieter li kienu mizmuma fir-residenza tal-qua imputat.

Illi fir-rigward tar-rixa li nstabet gewwa l-vettura u li giet elevata mill-pulizija, x-xhud identifika din ir-rixa bhala wahda li tappartjeni lill-kuccarda (Honey Buzzard). Jikkonferma ukoll li huwa ghamel ezami komparattiv (li fil-kontro-

[1] Ara fol. 40 tal-atti processwali.
[2] Ara l-lista a fol. 41 tal-atti processwali.

ezami spjega precizament dan l-ezami minn xiex kien jikkonsisti) bejn din ir-rixa u ezemplari ta' Kuccardi mizmuma fil-Muzew tal-Istorja Naturali. Illi wara dan l-ezami komparattiv gie konkluz li din ir-rixa kienet tal-kuccarda u kienet countour feather (cioe' gejja minn fuq is-sider jew altrimenti d-dahar tal-ispeci in kwistjoni). Gilbert Haber permezz tax-xhieda tieghu kkonferma dak kollu li qal ix-xhud Stanley Gatt dwar l-ezami tar-rixa.

Kunsiderazzjonijiet dwar il-htija:

Illi l-ewwel imputazzjoni tirrigward l-kacca illegali fi stagun maghluq u l-garr ta' munizzjon u/jew arma tan-nar barra l-ghata taghha. Tenut kont li l-istagun dakinhar kien maghluq kif ukoll tenut kont li l-pulizija kjarament osservat persuna b'arma tan-nar tahrab minn fuq il-post, l-unika prova rimanenti fir-rigward ta' din l-imputazzjoni hija l-identifikazzjoni tal-imputat. Illi l-prosekuzzjoni ma ressqitx prova ta fuq min hi rregistrata l-vettura li fiha l-imputat deher diehel. L-imputat meta ha l-pedana tax-xhieda fl-ebda hin ma kkonferma li dik il-vettura hija rregistrata fuqu. Ghalkemm huwa minnu li mix-xhieda tal-pulizija jirrizulta li kien il-qua imputat li fetahha, dan il-fatt wahdu ma jfissirx necessarjament li l-vettura hija tieghu jew altrimenti li kien qed jaghmel uzu minnha hu fil-hin indikat. Ghaldaqstant dina l-Qorti hija sprovista minn kwalunkwe prova dwar in-ness ta' bejn il-vettura u l-qua imputat. Fin-nuqqas ta' din il-prova, l-unika prova rimanenti hija l-identifikazzjoni fizika tal-qua imputat. F'diversi sentenzi il-Qrati Maltin rritenew li meta l-Qorti tigi biex tgharbel dik l-evidenza marbuta mal-identifikazzjoni tal-awtur ta' reat, dan ghandu jsir b'kawtela u cirkospezzjoni. Il-Qrati Maltin b'mod kostanti segwew bhala linji gwida r-regoli stipulati mill-Qori tal-Appell Ingliza fil-kaz R vs. Turnbull[3].

> *"First, whenever the case against an accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words. Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? If in any case, whether it is being dealt with summarily or on indictment, the prosecution have reason to believe that*

[3] Court of appeal 1977 – QB244

*there is such a material discrepancy they should supply the accused or his legal advisers with particulars of the description the police were first given. In all cases if the accused asks to be given particulars of such descriptions, the prosecution should supply them. Finally, he should remind the jury of any specific weaknesses which had appeared in the identification evidence. Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made. All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger."*

Illi t-tlett ufficjali tal-pulizija ddikjaraw li meta Patrick Muscat mar vicin il-vettura in kwistjoni hekk kif kien mitlub li jaghmel, huma gharfuh bhala l-persuna li kien harab minn fuq sit fl-istanza precedenti. Illi mill-affidavits tal-ufficcjali tal-pulizija kollha jirrizulta li huma osservaw lill-qua imputat minn wara u li hu huwa dawwar wiccu lejhom ghal ftit sekondi qabel beda jigri hekk kif ghajtu "Pulizija, ieqaf hemm". In kontroezami, Alfred Gauci kkonferma li gharraf lill-imputat mill-istatura tieghu filwaqt li Leonard Formosa kkonferma li ddentifika lill-imputat wara li vverifikaw li l-vettura tghajjat lilu (prova li qatt ma giet imressqa quddiem dina l-Qorti). Dan fil-fehma tal-Qorti ma hijiex prova sufficjenti sal-grad rikjest mil-ligi li l-qua imputat kien l-istess persuna li gie osservat bis-senter jahrab minn fuq il-post. Dan iktar u iktar meta sakemm irritorna lura fejn il-vettura in kwistjoni, kien hemm sorveljanza mill-pulizija mar-residenza tal-imputat fejn fl-ebda hin ma rrizulta li l-imputat rritorna u galadarba mit-tfittxija li saret wara rrizulta li l-armi rregistrati fuq l-imputat kienu kollha fir-residenza tieghu. Ghal dawn ir-ragunijiet dina l-Qorti ser tghaddi sabiex tillibera lill-qua imputat mill-ewwel imputazzjoni.

Illi fir-rigward tat-tieni, t-tielet u r-raba' imputazzjoni, fin-nuqqas ta' prova konklussiva dwar in-ness bejn il-qua imputat u l-vettura (hekk kif inghad iktar 'il fuq f'din is-sentenza) fejn instabet ir-rixa appartenenti lil Kuccarda Pernis apivorus, dina l-Qorti ma jidhriliex li l-istess imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat odjern gew ippruvati sal-grad rikjest mil-ligi.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjonijiet numru hamsa, sebgha, tmienja u disgha migjuba fil-konfront tal-qua imputat, dawn jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mil-ligi fid-dawl tax-xhieda mghotija mill-ufficjali tal-pulizija li ghamlu l-ispezzjoni fir-residenza tal-imputat kif ukoll mix-xhieda ta' Stanley Gatt li xehed dwar l-ispeci ta' ghasafar li ma kienux irregistrati mal-Awtorita', kif ukoll dwar numru ta' speci ta' ghasafar li ghalkemm kienu rregistrati dawn ma ghadhomx fil-pussess tal-imputat.

Ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjoni numru sitta, jinghad li din ma gietx sodisfacentament ippruvata galadarba ma tressqet l-ebda prova li l-ispeci Nankini Cursorius cursor u Glalez homor Crex Crex ittiehdu minn pajjiz li mhux Stat Membru tal-Unjoni Ewropeja.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi dina l-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 4(1)(e), (f), 4(2) u 21(5) tal-Avviz Legali tas-sena 79 tas-sena 2006, qed tillibera lill-qua imputat mill-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba u s-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu filwaqt li qed issib lill-istess imputat, Patrick Muscat, hati tal-hames, seba', tminn u disa' imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundanah ghall-multa ta' elf u mitejn Ewro li b'applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodici Kriminali tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Ewro fix-xahar. F'kaz li l-hlas ikun ha jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar millum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali, qed tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u cioe' tal-ghasafar ezebieti li dwarhom saru r-reati li taghhom instab hati.

Il-Qorti, fit termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, qed tordna ukoll s-sospensjoni tal-licenzja jew permess rilevanti mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghall-perjodu ta' sentejn millum.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur